# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Kevin Grech**

**Drogi:111/16**

**Illum, 8 ta' April, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 338872(M).

Akkuzat talli nhar it-8 t' April 2016 gewwa L- Qrati ta' Malta fil-Belt Valleta:-

1. forna jew ipprokura jew offra li tforni jew li tipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) tal-Ligijiet ta' Malta; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u stante illi l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri, qed issib lill-imputat Kevin Grech hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija flimkien ma' multa ta' elf Ewro (€1,000).

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**